MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Numru. 635/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
ROSARIA SAID

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Rosaria Said ta' 75 sena bint Giovanni Frendo u Concetta nee Zahra imwielda Hamrun fl-20 ta' Gunju 1928 u toqghod Cuor di Gesu, Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera detentur tal-karta tal-identita numru 0391328M talli bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna cioe lis-Sur Reuben Balzan, akkuzat lil din il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti u dan bi ksur tal-Art 101(1)(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti b'mod specjali mix-xhieda ta' Dr Adrian Agius jirrizulta illi l-imputata tbati min kondizzjoni medika li tissejjah titinus fejn il-pazjent jisna hafna hsejjes u irbumbjar, jahseb illi huma hsejjes ambjentali meta jkunu biss hsejjes illi jisma hu biss. Dawn il-hsejjes ghal pazjent huma realissimi ghalkemm tismaghhom hi biss.

Illi ghaldaqstant l-imputata bl-ebda mod ma tista tinstab hatja tar-reati kfi dedotti ghaliex hemm nuqqas totali ta' malizja jew intenzjoni biex taghmel rapport falz.

Illi din il-Qorti hadet l-opportunita illi tispjega wkoll lill-imputata l-kondizzjoni taghha u widbitha biex ghal futur, qabel ma taghmel rapport lill-pulizija ghandha tikkonsulta mal-avukat taghha biex jidderigieha hu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputata mhux hatja u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------